



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 11 ta' Frar 2011 (15.02)
(OR. en)**

6387/11

**FREMP 13
JAI 101
COHOM 44
JUSTCIV 19
JURINFO 5**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	COREPER/Kunsill
Nru dok. preċ.:	6110/11 FREMP 9 JAI 77 COHOM 34 JUSTCIV 16 JURINFO 4
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

Il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni eżamina l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq matul żewġ laqgħat tiegħu u l-aħħar darba fl-10 ta' Frar 2011, abbażi tad-dokument 6110/11 FREMP 9 JAI 77 COHOM 34 JUSTCIV 16 JURINFO 4. It-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif irriżulta minn din il-laqgħa jinsab fl-Anness.

Il-COREPER huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness għal din in-Nota.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-rwol tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

Billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem 'il-Karta') għandha l-istess valur legali bħat-Trattati;

Billi l-Unjoni ser taderixxi mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem');

Billi d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni;

Billi l-Karta tapplika għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, u għalhekk l-atti tagħhom kollha, leġislattivi jew mhux leġislattivi, għandhom ikunu f'konformità sħiħa mal-Karta;

Billi l-Karta tapplika għall-Istati Membri meta jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni biss;

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-Karta għall-Polonja u għar-Renju Unit;

Wara li kkunsidra l-Programm ta' Stokkolma, li jenfasizza li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri komuni u r-rispett għad-drittijiet fundamentali u li l-Kunsill Ewropew għamel il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni waħda mill-prijoritajiet tiegħu fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja;

Wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-istrateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mill-Unjoni Ewropea;

Wara li kkunsidra r-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar is-sitwazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2009) - Implimentazzjoni effikaċi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona;

1. **Ifakkar fil**-Programm ta' Stokkolma, li jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jiżguraw li l-inizjattivi legiſlattivi jkunu u jibqgħu konsistenti mad-drittijiet fundamentali matul il-proċess legiſlattiv kollu permezz tat-tiſiħ tal-applikazzjoni tal-metodoloġija għal monitoraġġ sistematiku u rigoruż tal-konformità mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji li jinsabu fil-Karta.
2. **Jilqa'** l-impenn tal-Kummissjoni, affermat mill-ġdid fil-Komunikazzjoni dwar 'Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mill-Unjoni Ewropea' li tiggarantixxi, fl-ambitu tagħha, li d-drittijiet fundamentali jitqiesu bis-siħ fl-abbozzar ta' atti legali u tul il-proċedura legiſlattiva kollha.
3. **Japprezza** l-ambizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, espressi fir-Risoluzzjoni tiegħu dwar is-'Sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2009) - implimentazzjoni effikaċi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona', li tissaħħaħ il-valutazzjoni (awtonoma) tal-impatt tiegħu fir-rigward tal-proposti u l-emendi legiſlattivi li qegħdin jiġu eżaminati fil-proċess legiſlattiv.

4. **Jenfasizza** r-rwol tal-Kunsill biex jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Karta u, peress li huwa koleġislatur, jirriafferma li kemm l-emendi tiegħu għall-proposti leġislattivi kif ukoll l-atti li jadotta bis-saħħa tat-Trattat fuq l-inizjattiva ta' kwart mill-Istati Membri għandhom ikunu konformi mal-Karta.
5. **Jirrikonoxxi** li r-rispett għad-drittijiet fundamentali għandu jitqies ukoll meta jiġu abbozzati atti legali li mhumie x soġġetti għal proċedura leġislattiva.
6. **Jirriafferma** l-impenn tiegħu li jiggarantixxi li d-drittijiet fundamentali jiġu rrispettati waqt il-proċeduri interni tiegħu għat-tehd ta' deċiżjonijiet, speċjalment fil-kuntest tal-abbozzar leġislattiv, b'kont meħud tal-istruttura tal-Kunsill, il-metodi ta' ħidma u r-rwol fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea.
7. **Jirrikonoxxi** li l-Kunsill għandu r-responsabbiltà mhux biss li jiżgura konformità sħiħa mal-Karta meta jabbozza atti legali iżda wkoll li jagħmel dan bl-aktar mod viżibbli u trasparenti possibbli, għall-benefiċċju taċ-ċittadini u partijiet interessati rilevanti oħrajn. Barra minn hekk, il-Kunsill ifakkar fil-miżuri diġà adottati għall-fini ta' trasparenza u għamil bil-miftuħ, inkluż ir-regolament dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u r-regola dwar deliberazzjonijiet pubbliċi u votazzjonijiet dwar abbozzi ta' atti leġislattivi.
8. **Jissottolinja** li fil-qafas tal-istrutturi u l-proċeduri eżistenti tiegħu, il-Kunsill diġà jiddisponi minn għadd ta' għodod affidabbli u fattibbli biex tiġi vvalutata u żgurata l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali ta' kwalunkwe emenda li jipproponi kif ukoll tal-inizjattivi tal-Istati Membri, u biex jiġi ggarantit li dawn il-proposti huma f'konformità mal-Karta u b'hekk ikun żgurat li l-Kunsill jipprovdi atti b' 'Tikketta ta' Konformità mad-Drittijiet Fundamentali'.

9. **Iqis** li huwa importanti li jsir użu sħiħ mill-ħila esperta, l-għarfien u l-esperjenza tal-esperti li jaħdmu fl-Istati Membri u jfakkar li l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri huma l-ewwel livell fejn il-konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-Karta, kif ukoll it-tradizzjonijiet kostituzzjonali u l-obbligi internazzjonali komuni għall-Istati Membri kollha, għandha tkun iggarantita.
10. **Jistenna** li qabel ma l-Istati Membri jippreżentaw proposti għal emendi lill-Kunsill, kif ukoll qabel ma jiġu ppreżentati inizjattivi legiſlattivi minn kwart tal-Istati Membri, il-konformità tagħhom mal-Karta u l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali jkunu ġew eżaminati mill-Istati Membri involuti.
11. **Jissottolinja** f'dan ir-rigward li s-Servizz Legali tal-Kunsill, li jassisti fl-istanzi preparatorji kollha tal-Kunsill, ikun għad-dispożizzjoni tal-Kunsill u jwettaq ħidma utli u affidabbli billi jipprovdi opinjonijiet legali u jivvaluta l-konformità ta' proposti legiſlattivi u mhux legiſlattivi, kif ukoll proposti għal emendi, bil-liġi primarja tinkludi wkoll ir-rekwiżiti tad-drittijiet fundamentali.
12. **Itenni** li l-ftehim interistituzzjonali 'Approċċ Komuni għall-Valutazzjoni tal-Impatt' jinvolvi r-responsabbiltà ta' kull istituzzjoni li tivvaluta l-impatt tal-proposti u l-emendi tagħha. Meta jagħmel din il-valutazzjoni, il-Kunsill għandu jagħti l-attenzjoni meħtieġa lill-impatt tal-emendi sostantivi tiegħu fuq id-drittijiet fundamentali.
13. **Jenfasizza** li l-istanzi preparatorji tal-Kunsill u l-Kunsill innifsu għandhom, fi stadju bikri tal-proċedura legiſlattiva, iqajmu l-mistoqsijiet u t-tħassib relatati mad-drittijiet fundamentali fid-dossiers rilevanti fl-aġenda tagħhom, u jiżguraw kompatibbiltà mal-Karta.

14. **Ifakkar** li f'Diċembru 2009, immedjatament wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, li għamel il-Karta legalment vinkolanti, il-Kunsill ta status permanenti lil dak li qabel kien il-Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza u inkarigah bil-materji kollha relatati mad-drittijiet fundamentali, id-drittijiet taċ-ċittadini u l-moviment liberu tal-persuni (minn issa 'l quddiem 'il-Grupp ta' Ħidma FREMP').
15. **Jenfasizza** l-ħtieġa li d-dimensjoni tad-drittijiet fundamentali testendi għall-istanzi preparatorji kollha tal-Kunsill u l-istruttura kollha tal-Kunsill; għal dik l-istess raġuni huwa jqis li l-istanzi preparatorji tal-Kunsill għandhom jibbenefikaw mid-dispożizzjoni ta' linji gwida qosra iżda prammatiċi u metodoloġiċi dwar kif għandhom jiġu identifikati u solvuti l-problemi li jirriżultaw mill-proposti għal emendi tagħhom fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħhom mad-drittijiet fundamentali.
16. **Għaldaqstant jistieden** lill-Grupp ta' Ħidma FREMP biex jelabora, sat-30 ta' Ġunju 2011, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-Servizz Legali tal-Kunsill, tali linji gwida metodoloġiċi li jittrattaw l-aspetti prinċipali tal-iskrutinju tad-drittijiet fundamentali li, ladarba jkun hemm qbil mill-Coreper, għandhom iservu ta' gwida għall-ħidma tal-istanzi preparatorji tal-Kunsill, fejn rilevanti.
17. **Jinkoraġġixxi** lill-istanzi preparatorji tal-Kunsill - filwaqt li jirrikonoxxi r-responsabbiltà ta' dawn l-istanzi fl-iskrutinju tal-konformità mal-Karta - biex ifittxu, fejn meħtieġ, l-assistenza tas-Servizz Legali tal-Kunsill, u mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Coreper, fuq bażi limitata ta' każ b'każ, il-parir tal-Grupp ta' Ħidma FREMP fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi ta' drittijiet fundamentali li jirriżultaw matul il-ħidma tagħhom.

18. **Ifakkar** fl-istedina li saret fil-Programm ta' Stokkolma lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jagħmlu użu sħiħ mill-ħila esperta tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (minn issa 'l quddiem: 'Aġenzija') u biex jikkonsultaw, meta adatt, mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, f'konformità mal-mandat tagħha, dwar l-iżvilupp ta' linji politiċi u leġislazzjoni b'implikazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali.
19. **Jirriafferma** l-intenzjoni tiegħu li jieħu kont tar-rapporti u l-opinjonijiet tal-Aġenzija dwar suġġetti tematiċi speċifiċi mogħtija f'konformità mal-mandat tagħha.
20. **Jinkoraġġixxi** lill-Grupp ta' Ħidma FREMP biex iżomm u jirrinforza l-kooperazzjoni mal-Aġenzija, inter alia billi jiżgura segwitu għar-rapporti tal-Aġenzija rilevanti għall-ħidma tagħha.
21. **Jissottolinja** l-impenn tiegħu li jkun hemm skambju annwali ta' fehmiet dwar ir-rapport annwali tal-Kummissjoni rigward l-applikazzjoni tal-Karta.
-